Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Mag Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Sharon Tanti)

vs

Anthony Galea

Illum 4 ta’ April, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra ‘il fuq imsemmi imputat Anthony Galea, iben Anthony u Elizabeth nee Mule, imwieled Pieta fit-22 ta’ Marzu, 1960 u detentur ta’ karta tal-identita Nru 233460(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fid-29 ta’ Marzu, 1997 fis-Sunny Coast,

Bugibba, b'eghmil zieni ikkorrompa lil Hannah Bounds ta' 15 il-sena, bi ksur tal-Artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-10 ta' Awissu, 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak il hemm mahsub fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi f'Ottubru tan-1997 il-pulizja f'Malta kienet irceviet 'complaint' mill-pulizija l-Ingilterra dwar allegazzjoni li ghamlet tfajla ta' tlettax il-sena Hannah Bounds fis-sens illi meta kienet Malta bejn Marzu u April tas-sena 1997 l-istess Hannah Bounds kienet giet stuprata

minn l-imputat fuq imsemmi.  Il-pulizija Maltija baghtu lista ta' mistoqsijiet sabiex isiru lil din it-tfajla u mir-risposti ta' din it-tfajla l-pulizija Maltija irrealizzaw illi t-tfajla, dejjem skond hi, kellha relazzjoni sesswali konsenswali mal-imputat u ghalhekk certament ma kienx hemm kaz ta' stupru. Irrizulta wkoll lill-pulizija Maltija illi kienet omm it-tifla li bdiet tinsisti illi jsir ir-rapport, liema rapport sar f'Ottuvru tan-1997, jigifieri erba' xhur wara illi l-istess Hannah Bounds kienet giet f'Malta.  Il-pulizija Maltija baghtu ghall-imputat fuq imsemmi illi irrilaxxja stqarrija wara li gie moghti d-debita twissija.  L-imputat ghazel illi iwiegeb, kif ukoll illi jiffirma l-istqarrija u ftakar fil-familja Bounds u qal lill-pulizija illi hu ma kellu x'jaqsam xejn ma Hannah Bounds u li kien gara kien ma ommha illi kienet ghamlet certu avanzi lejh u ftakar ukoll illi omm Hannah Bounds kienet giet fir-'restaurant' fejn kienet anke ippruvat tinza t-'top' illi kienet liebsa.  Illi Hannah Bounds kienet stenniet fl-istqarrijiet illi kienet tat lill-pulizija f'Ingilterra zewg 'receptionists' illi kien hemm fil-lukanda fiz-zmien illi skond hi sar l-allegat stupru. Wiehed minn dawn ir-'receptionists' kien jismu Tarcisio Camilleri u l-iehor kien jismu Albert Fenech.  Meta kellmithom l-Ispettur Sharon Tanti ma ftakrux dan l-incident.

Illi inoltre d-deskrizzjoni illi kienet tat Hannah Bounds tar-'receptionist' tal-lukanda, li skond hi kien jaf bl-incident, ma qablitx mal-fizjonomija tal-ebda wiehed minn dawn iz-zewg 'receptionists'. Illi l-pulizija kellmu wkoll lill-'waitress' jisimha Nathalie, illi skond Hannah Bounds kienet ukoll taf b'kollox u din Nathalie kienet qalet illi kienet taf lill-imputat, pero' ma ftakrek b'xejn minn dak illi bdiet tallega Hannah Bounds. Finalment il-pulizija iddecidiet li tiehu passi kontra l-imputat fuq imsemmi ghall-korruzzjoni ta' minorrenni.

Illi l-imputat fuq imsemmi fl-istqarrija tieghu qal lill-pulizija illi huwa ma kellux x'jaqsam bl-ebda mod ma Hannah Bounds, kien jaraha meta kienet tigi fir-'restaurant' tieghu mal-genituri taghha. Huwa qal illi Hannah Bounds kienet tkun f'grupp ta' zghazagh bhalha u qal ukoll illi omm Hannah Bounds kienet ghamlet avanzi sesswali lejh u huwa kellu jieqfilha ghaliex li kieku l-istorja kienet tikber. Finalment huwa qal, "Ma nistax nifhem kif l-istorja daret fuq it-tifla taghha".

Illi xehdet ukoll f'dawn il-proceduri Hannah Bounds. Qalet illi kienet giet Malta fid-29 ta' Marzu, 1997. Kienet segwiet lill-imputat fuq imsemmi u dahlet warajh f'kamra illi kienet caffeteria ghall-istaff tas-Sunny Coast Hotel il-Qawra. Skond Hannah Bounds f'din il-caffeteria kien hemm 'staff

bedroom' u kien fiha zewg 'bunkbeds'. Huma marru fuq din is-sodda u hija ippermettiet lill-imputat li jkollu x'jaqsam maghha u fil-fatt kellhom 'oral sex'. F'hin minnhom skond Hannah Bounds l-imputat qalilha li kien ser imur fil-karozza tieghu sabiex igib 'condom' u fil-fatt hekk ghamel u beda jkollu relazzjoni sesswali maghha, illi skond hi ghall-ewwel kienet bil-kunsens taghha. Pero' wara ftit bdiet twegga, qaltlu biex jieqaf, imma hu zammilha idejha t-tnejn fuq rasha. Hannah Bounds kompliet tixhed illi ma irnexxilhiex tnehhi lill-imputat minn fuqha u ghalhekk skond hi huwa stupraha. Hannah Bounds xehdet illi l-imputat hareg mill-kamra, hija segwietu, marret ir-'reception' fejn kien hemm ragel jismu Mark illi hija gieli ifflirtjat mieghu u skond hi qalet lil Mark b'dak kollu illi kien gara. Hannah Bounds kompliet tixhed illi l-ghada filghaxija kienet kellmet fil-qasir lill-imputat fuq imsemmi li kien qieghed jiccacra ma zewg tfajliet ohrajn u dak il-hin hija qalet, "Mela ma ghadux interressat fija la qieghed jaghmel hekk ma zewg tfajliet ohrajn". Hannah Bounds qalet illi ratu wkoll jiccacra ma tfajliet ohrajn. Xorta kellmitu, pero' dejjem fil-qosor. Hija xehdet illi damet erba' xhur biex harget b'din l-istorja u qalet lil ommha u lil missierha x'kien gara meta kienu l-Ingilterra peress illi ghall-ewwel ma indunatx li kienet giet stuprata. Irrealizzat b'dan meta kellmet lil ikbar habiba li ghandha l-Ingilterra u meta qaltilha x'gara din il-habiba qaltilha, "Mela

Tino stuprak dakinhar”. Sussegwentement kien sarilhom ‘talk’ l-iskola fuq l-istupru. Hija kienet inkwetata hafna, il-ġenituri taghha indunaw u finalment harget bl-istorja kollha u ommha kienet infurmat lill-pulizija fl-Ingilterra b’dak illi kien gara. Hannah Bounds xehdet illi meta l-imputat stupraha hija kienet vergni u kellha tlettax il-sena. Hannah Bounds xehdet illi hija kienet luzingata hafna bl-attenzjoni li kien jaghtiha l-imputat u dana peress illi kien ikbar minnha. Hija xehdet ukoll illi qabel ma kienet giet Malta hija kellha ukoll ‘boyfriend’ l-Ingilterra u kellha x’taqsam mieghu fis-sens illi kienet immasturbatu, pero’ qatt ma kellha ‘intercourse’ mieghu. Hannah Bounds xehdet illi hija marret darba biss fir-‘restaurant’ tal-imputat flimkien mal-familja taghha wara l-gurnata illi skond hi l-imputat kien stupraha. Hemm hekk kienet taf lill-‘waitress’ certa Nathalie u skond Hannah Bounds kienet qalet lil Nathalie b’dak kollu li kien gralha mal-imputat. Hannah Bounds xehdet ukoll illi hija kienet qalet lill-imputat illi kellha hmistax il-sena, pero’ l-genituri taghha kienu qalulu illi hija kellha biss tlettax il-sena. Hija xehdet ukoll illi kienet infattwata wara l-imputat. Hannah Bounds fuq domanda tal-Qorti ammettiet illi kienet tghir meta kienet tara lill-imputat ikellem tfajliet ohrajn, pero’ qalet illi hija ma ivvintatx din l-istorja peress illi kienet ghiret ghalih u allura biex tpattihielu, imma skond hi l-imputat kien verament stupraha. Hannah Bounds xehdet ukoll illi kellha

x’taqsam mal-imputat sesswalment darbtejn, darba minnhom jumejn qabel ma sar l-allegat stupru fejn pero’ ma kellhomx ‘intercourse ‘ u t-tieni darba d-data ta’ meta skond Hannah Bounds sar l-allegat stupru kif diga hemm spjegat aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat. Hija xehdet illi fid-29 ta’ Marzu hija riedet illli jkollha relazzjoni sesswali mieghu u cioe’ ‘intercourse’. Pero’ kien biss meta beda iweggaha li qaltlu biex jieqaf u xehdet ukoll illi anke wara li skond hi gara dan l-istupru xorta wahda baqghet infattwata wara l-imputat, pero’ meta marret l-Ingilterra ma baqghetx tahseb aktar dwaru. Hannah Bounds kompliet tixhed illi l-imputat kien jiccacra ukoll ma ommha u hija ratu ikellimha fil-prezenza ta’ missierha. Pero’ missierha ma kienx jaghti kaz. Hija xehdet illi ghalkemm ommha qatt ma kellmitha dwar l-imputat hija kienet taf illi ommha kellha grazzja mal-imputat u fil-fatt ommha kienet tghid illi l-imputat kien mill-ahjar. Hija xehdet ukoll illi meta kienet Malta l-genituri taghha qatt ma kienu qalulha biex ma tkellimx lill-imputat, minkejja l-fatt illi gieli rawha tkellmu fir-‘reception’ tal-lukanda u ukoll fil-prezenza taghhom. Hija xehdet ukoll illi wara id-29 ta’ Marzu, cioe’ d-data tal-allegat stupru hija baqghet tkellem lill-imputat fil-‘bar’ fil-prezenza tal-genituri taghha daqs li kieku qatt ma kien gara xejn. Hannah Bounds xehdet illi meta kienet f’Malta fuq vaganza kienet tara lill-imputat

jiccacra ma ommha, ibusha fuq hadejha, idawwar idejh madwarha u rathom ukoll imissu lil xulxin.

Illi xehdet omm Hannah Bounds, Linda Carol Bounds u qalet illi wara li kienu irritornaw minn Malta ghall-habta ta' Ottubru, 1997 u cioe' seba' xhur wara illi kienu irritornaw l-Ingilterra minn Malta bintha kienet qaltilha illi fid-29 ta' Marzu, 1997 kienet giet stuprata mill-imputat fuq imsemmi. Ix-xhud qalet illi meta kienet Malta fuq vaganza kienet rat lil bintha tkellem lill-imputat diversi drabi. Darba minnhom huma kienu kielu r-'restaurant' ghandu, pero' l-imputat kien dejjem ikun madwar il-'bar' u fil-'welcome reception' hu kien ha hsieb tal-ikel kollu u dakinhar kienu iltaqghu mal-imputat u tkellmu mieghu ghal hin sostanzjali. Ix-xhud kompliet tixhed illi xi jumejn qabel telqu minn Malta kienet hdejn il-bar u damet hemm hekk zmien twil u precizament sa xi siegha ta' filghodu. Zewgha kien ghajjien u kien tela jorqod fil-kamra. Hija xehdet illi dakinhar l-imputat kien talab il-parir taghha dwar l-'interior design' fir-'restaurant' tieghu. Hadha fir-'restaurant' tieghu u xorbu flixkun inbid flimkien. Ix-xhud qalet illi dakinhar l-imputat kien beda ibusha u ghal aktar minn darba, beda imissilha wkoll sidirha u nehhielha t-'top' u hija bil-kemm kienet taf x'kien qieghed jigri peress illi kienet xorbot l-inbid. Hija ammettiet illi wkoll kienet messitu fil-parti tieghu u dan kollu dam madwar nofs

siegha. Ix-xhud kompliet tghid illi f'hin minnhom zewgha nizel fir-'restaurant'. Hija xehdet illi l-imputat fl-opinjoni taghha huwa ragel attraenti hafna u joghgob lin-nisa kollha. Ammettiet ukoll illi kienet migbuda lejh. Hija xehdet illi l-imputat kien jiccacra hafna ukoll man-nisa u kien ghalhekk illi hija kienet qalet lill-imputat illi bintha kienet minorrenni. Ix-xhud ammettiet illi kienet indunat illi bintha kienet migbuda hafna wara l-imputat, bhal speci kienet infattwata fuqu. Ix-xhud semmiet ukoll lil xi 'receptionist' li dak iz-zmien kien ikun fir-'reception' tas-Sunny Coast Hotel li jismu Mark u huma kienu jafuh bhala Marco. Ix-xhud qalet ukoll illi qabel ma kienet marret titkellem u ticcacra bil-mod kif spjegat mal-imputat fir-'restaurant' tieghu huwa kien ittantaha qabel, pero' mhux bl-istess mod. Skond ix-xhud wara li binthom kienet qaltilhom illi l-imputat kien stupraha hija kienet qalet lil zewgha b'dan kollu li kien gara mal-imputat fir-'restaurant' tieghu u zewgha ma irrabjax maghha, ta t-tort kollu lill-imputat peress illi skond zewgha l-imputat ma kienx ikun jista jara mara u din hija wkoll l-opinjoni tax-xhud.

Illi xehdu dirigenti tas-Sunny Coast Hotel fis-sens illi l-unici 'receptionists' illi kienu jahdmu fil-hotel fiz-zmien in kwistjoni kienu certu Albert Fenech u Tarcisio Camilleri. Impjegati

ohrajn mas-Sunny Coast jisimhom Mark jew Marco ma kienux jezistu fl-1997.

Illi Tarcisio Camilleri illi kien jahdem fis-Sunny Coast Hotel bhala ‘receptionist’ fiz-zmien in kwistjoni xehed illi ma jiftakar bl-ebda incident fejn kienet giet xi tfajla tibki ghandu bl-isem ta’ Hannah Bounds u tghidlu li kienet giet stuprata mill-imputat fuq imsemmi. Huwa xehed illi meta ma kienx ikun hemm hu fir-‘reception’ fil-lukanda fiz-zmien in kwistjoni kien ikun hemm il-kollega tieghu Albert Fenech.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi f’dawn il-proceduri u rega’ cahad b’mod kategoriku illi kellu x’jaqsam b’xi mod sesswalment ma Hannah Bounds. Huwa xehed illi darba minnhom omm Hannah Bounds kienet qeghda tixrob fil-‘bar’, umbaghad dahlet fir-‘restaurant’ tieghu waheda. Bdiet taghtih xi ideat kif seta jirranga r-‘restaurant’ bhal ‘interior design’ u talbitu ukoll sabiex joffrilha ‘drink’ u huwa fil-fatt fetah flixkun inbid. Qaghdu bil-qeghda mal-mejda u qaghdu jitkellmu. L-imputat kompla jixhed illi f’hin minnhom omm Hannah Bounds fethet il-‘blouse’ taghha u staqsietu jekk kienx jahseb li kienet mara attraenti u kien wegibha fl-affermattiv. Hi bdiet tmissu il-hin kollu u wara xi siegha tfacca zewgha li qaghad bil-qeghda hdejhom mal-mejda u lilha qalilha li suppost illi kienet ilha li telghet fil-kamra tal-

lukanda.  L-imputat xehed illi lit-tifla kien raha xi darba meta kienet giet fir-'restaurant' tieghu mal-genituri taghha.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi mill-bidu nett tal-investigazzjoni illi saret mill-pulizija sa meta xehed f'dawn il-proceduri dejjem cahad b'mod konsistenti illi qatt kellu x'jaqsam b'xi mod sesswalment ma Hannah Bounds.  Huwa mill-ewwel semma l-incident illi kien sehh ma omm Hannah Bounds meta kienu fir-'restaurant' tieghu hu u hi kienet ippruvat taghmel xi avvanzi lejh, liema avvanzi huwa kien irrispingihom kien tfacca zewgha u l-kwistjoni waqfet hemm hekk.

Illi l-Qorti ma tistax temmen lix-xhud Hannah Bounds u dana peress illi Hannah Bounds qalet illi l-imputat kien stupraha, u fl-istess hin ammettiet illi hi kellha x'taqsam mieghu b'mod volontarju u anke kellha 'oral sex' mieghu.

Illi hija aktar vero simili l-verzjoni tal-imputat fis-sens illi din kienet xi invenzjoni ta' omm Hannah Bounds.  Fil-fatt l-istess Hannah Bounds xehdet illi ommha kienet migbuda sesswalment lejn l-imputat u kienet ticcacra mieghu.

Kienet tara lil ommha u lill-imputat jitbewsu, jitghanqu u jiccacraw u dan ghal aktar minn darba wahda.

Illi jista jkun illi Hannah Bounds kienet b'xi mod ingibdet lejn l-imputat, kienet infattwata warajh, wara kollox kienet tifla ta' tlettax il-sena u jista jkun ukoll illi kienet gheret meta ratu jaghti attenzjoni lil ommha u mhux lilha. Ghalhekk seta facilment kien il-kaz li meta kienu l-Ingilterra t-tifla kienet qalet kollox lil missierha u l-omm sabiex tipprova tghatti dak illi kienet ghamlet hi gieghlet jew issuggeriet lit-tifla tivvinta storja u tghid illi kienet giet stuprata mill-imputat.

Illi Hannah Bounds semmiet 'receptionist' bl-isem ta' Mark jew Marco u dan ma giex intraccat mill-pulizija peress illi kif xehdu d-dirigenti tas-Sunny Coast Complex, dan Marco fil-fatt qatt ma kien hadem maghhom. Hannah Bounds semmiet ukoll lil certa Nathalie. Il-pulizija irnexxiela tintracca lil din Nathalie u Nathalie cahdet kategorikament li qatt kienet giet avvicinata minn xi tifla li qaltilha li kienet giet stuprata mill-imputat fuq imsemmi.

Illi ghalhekk il-verzjoni illi tat Hannah Bounds ma hi ikkollaborata bl-ebda mod u minn hadd. It-tifla irrapportat illi l-imputat kien stupraha f'Ottubru 1997, meta skond hi dan l-istupru kien sehh f'Marzu tan-1997. Ghalhekk ghaddew

seba' xhur minn meta sehh l-allegat reat sad-data tar-rapport.

Illi l-Qorti certament ma tista qatt tkun moralment konvinta illi l-imputat fuq imsemmi, illi tressaq fuq korruzzjoni ta' minorenni u mhux fuq stupru, effettivament ikkommetta r-reat in kwistjoni. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti filwaqt illi tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi, qeghda tiddikjarah bhala **mhux hati** u **tilliberah** minn kull imputazzjoni, htija u piena.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur